MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Numru 39/2007

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

vs

Carmelo Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Carmelo Farrugia ta' karta ta' identita' numru 588141(M) akkuzat talli:

Fid-29 ta' Settembru, 2006 ghal habta ta' 12:30hrs waqt incident tat-traffiku fi Triq tal-Barrani gewwa z-Zejtun, instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depositat ghandu u/jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar kompluta b'zewg ballal, jigifieri; pistola semi-awtomatika, tal-marka RGA Rigarmi) manifatturata l-Italja, kalibru 25 auto / 6.35mm, minghajr numru tas-serje, zewg ballal ta' kalibru 0.25 meta kien jaf

l-importazzjoni u l-pussess taghhom huwa pprojbit u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta’ Lm25.20.0, dazju dovut ta’ Lm0.80.5 u wkoll taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T.) li jammonta ghal Lm4.68.0, fejn liema dazju u taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur tal-art 60(a) (b) (c) (k), 62(a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u bi ksur tal-Att XXIII tal-1998 dwar it-Taxxa fuq valur Mizjud (V.A.T.) Kap 406, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi importa u/jew dahhal gewwa Malta u jew zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fi dintorni tieghu l-istess arma tan-nar, u munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr licenzja taht l-Att tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta bi ksur tal-Art 5(1) u (2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrispondi.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata ta’ l-imputat, wara li rat l-Artikoli 60, 62, proviso Artikolu 62 tal-Kap 37, l-Artikolu 80 tal-Kap 406, l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Kap 480, tikkundannah komplessivament xahar prigunerija u multa ta’ Lm32.30. Fir-rigward il-prigunerija, tapplika l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u tissospendihom ghal sena mill-lum, oltre li tordna l-konfiska tal-arma.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------